MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Numru. 753/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Nikolai Sant**
**Spettur Michael Mallia**

**vs**

**Francesco Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francesco Zammit ta’ 59 sena, iben Francesco u Paula nee’ Debono, imwieled Birkirkara fil-15 ta’ Gunju 1950 u residenti ‘Sier House’ nru 33, Triq Gacinti, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita’ numru 575750(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-perijodu ta' bejn l-24 ta' Gunju u d-9 ta' Lulju 2009, fi Triq Gharghur in-Naxxar, ikkommetta serq ta' 'low-loader' (trailer) tal-marka 'King' li ghandu valur ta' € 30,000, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta' € 2329.37 (elf lira Maltin) u li sar ghad-dannu ta' Anthony Camilleri;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' ta' April 2010 (inserita a fol. 82 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htiijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2010, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda l-allegat serq ta' lowloader ta' valur ta' ghall-incirca tletin elf Ewro fejn qed jinghad li tali serq sar bejn l-24 ta' Gunju 2009 u d-9 ta' Lulju 2009 minn yard jew ghalqa fil-limiti tal-Ghargur propjeta' ta' certu Anton Camilleri li fid-9 ta Lulju 2009 mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Belt[1] fejn indika lli kien sab l-imsemmi lowloader nieqes u qal li kien jissuspetta fl-imputat Francesco Zammit bhala l-persuna li hadlu dan il-lowloader. Mill-provi rrizulta li Francis Zammit mal-ewwel qal lil Pulizija li huwa kien ha il-lowloader mill-yard ta' Camilleri u li dan kien fil-pussess tieghu izda spjega li

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 73 sa 75 tal-atti processwali.

huwa effettivament kien hadu bil-kunsens tal-istess Camilleri ghaliex kien intlahaq ftehim bejnu u bejn Camilleri dwar il-bejgh tal-lowloader in kwistjoni.

Minn ezami bir-reqqa tal-atti processwali jirrizulta li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar dak li seta' gara bejn il-persuna li ghamel ir-rapport, u cioe' Anton Camilleri, u l-imputat dwar il-bejgh tal-lowloader. Min-naha tieghu Anton Camilleri meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2009[2] jghid li ghall-habta tal-ahhar ta' Gunju 2009 l-imputat kien cempillu u qallu li kien interessat jixtri il-lowloader in dizamina u li huwa rrispondih li kien qed jitlob is-somma ta' tletin elf Ewro bhala prezz tal-imsemmi lowloader. Dejjem skond Camilleri l-imputat irrisponda li kien ser jahsibha ftit u li imbaghad dan kien cempillu waqt li kien imsiefer sabiex ikellmu dwar ix-xiri tal-lowloader u li huwa kien irrispondih li kien ser ikellmu meta jirritorna lura Malta. Anton Camilleri qal li huwa kien imsiefer bejn l-24 u d-29 ta' Gunju 2009 u li xi gimghatejn wara li rritorna lura Malta mar fil-yard fejn kien izomm dan il-lowloader u ma sabux hemm u wara li kien tkellem mal-haddiema tieghu sabiex jivverifika jekk kienux haduh huma cempel lill-imputat fejn dan mill-ewwel qallu li kien hu li hadu u rrifjuta li jirritornah. Camilleri jghid li f'dan l-istadju huwa mar jaghmel rapport lil Pulizija dwar is-serq tal-lowloader.

L-imputat min-naha l-ohra kemm meta irrilaxxja l-istqarrija[3] kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2010 spjega li f'Gunju 2009 huwa kien mar il-yard ta' Anton Camilleri fil-Ghargur sabiex jigbor xi hamrija li kien xtara minghandu u kien ra l-lowloader u staqsih dwaru fejn Camilleri kien qallu li kien xtrah mill-Inghilterra sabiex inizzel xi makkinarju u meta l-imputat staqsih jekk kienx interessat ibiegh dan irrisponda fl-affirmattiv u talbu s-somma ta' tletin elf Ewro. L-imputat jghid li huwa qallu li kien ser ikellem lit-tfal dwar dan ix-xiri u mbaghad spjega li xi jiem wara cempel lil Camilleri u qallu li kien interessat jixtri il-lowloader u dan qallu sabiex

---

[2] Traskrizjoni tax-xhida relattiva nserita a fol. 21 sa 30 tal-atti processwali.
[3] Inseita a fol. 16 sa 18 tala-tti processewali.

imur ikellmu l-ufficju tieghu il-Madliena u fil-fatt l-imputat hekk ghamel. L-imputat spjega li huwa mar fl-ufficcju ta' Camilleri u hallsu tal-hamrija li kien xtara u qallu lli kien lest jofri hamsa u ghoxrin elf Ewro ghall-lowloader u li kien ser ihallas nofs dan l-ammont fi flus u n-nofs l-iehor permezz ta' tpartit ta' xoghol u materjal. L-imputat jghid li Camilleri accetta u huma hadu b'idejn xulxin izda qallu li kien ser isiefer u li kellhom jaghmlu skrittura dwar dan il-bejgh meta jirritorna lura. L-imputat qal li huwa kiteb cheque ta' sebat elef Ewro[4] bhala depozitu fuq dan il-lowloader izda Camilleri ma hax ic-cheque u qallu li kienu ser jirrangaw kollox meta jirritorna lura mis-safar. L-imputat spjega li huwa kien cempel lil Camilleri waqt li dan kien qieghed l-airport jistenna sabiex isiefer u talbu setghax jiehu il-lowloader sabiex jibda jaghmel xi xoghol fuqu u Camilleri kien accetta izda qallu sabiex ma juzahx fit-triq qabel ma huwa jirritorna lura Malta. L-imputat spjega li Camilleri qallu li x-xatba tal-yard kienet miftuha u huwa seta' jmur jiehu l-lowloader. L-imputat qal inoltre li huwa kien ilu jaf lil Camilleri ghal madwar erbghin sena u li kienu ilhom jaghmlu negozju flimkien ghal dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin sena u li kien hemm parentela bejniethom ghaliex il-mara ta' Camilleri kienet oht il-mara ta' hu l-imputat. L-imputat jghid li Camilleri rega' bdielu dwar il-bejgh tal-lowloader u li meta huwa rrifjuta li jghatihulu lura huwa mar jaghmel rapport lil Pulizjia. L-imputat jghid li wara li kellmuh il-Pulizija huwa cempel lill-avukat tieghu ghall-parir u dan tah parir li jirritorna lura l-lowloader lil Camilleri minhabba t-tip ta' persuna li kien anki jekk deherlu li il-ftehim li kien hemm bejniethom kien validu peress li l-lowloader kien bla magna u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-ftehim ikun bil-miktub.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti taqbel li f'dan il-kaz il-kwistjoni tirrivolvi madwar il-kredibita' o meno ta' Camilleri u tal-imputat. Il-Qorti wara li semghat lil dawn iz-zewg persuni jixhdu viva voce quddiemha u wara li hadet konjizzjoni tal-provi l-ohra prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz jidrilha li tista' temmen il-

[4] Kopja tieghu inserita a fol. 94 tal-atti processwali.

verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u cioe' li huwa ha il-lowloader mill-yard ta' Camilleri bil-kunsens tal-istess Camilleri ghaliex kien hemm ftehim bejniethom dwar il-bejgh ta' dan il-lowloader. Dan jinghad anki ghaliex il-verzjoni moghtija mill-imputat hija korroborata minn provi ohra bhal per ezempju l-ezistenza tac-cheque minnu mahrug bhala depozitu u bhall-fotokopji tal-mammiet tac-cheque book tal-imputat li jindikaw li dan ic-cheque gie mahrug fit-22 ta' Gunju 2009 u mhux wara li l-imputat gie nterrogat mill-Pulizija, u bhat-tabulati telefonici tal-imputat[5] li jindikaw li kien hemm komunikazzjoni bejn l-imputat u Camillleri fiz-zminijiet indikati mill-imputat. Il-Qorti inoltre issibha difficli temmen li Camilleri dam daqshekk zmien wara li rritorna lura Malta, cioe' bejn id-29 ta Gunju 2009 u d-9 ta' Lulju 2009, sabiex jinduna li l-lowloader kien nieqes. Huwa ferm aktar plawzibbli dak allegat mill-imputat li Camilleri fil-fatt f'dan il-perijodu rega' biddel il-fehma dwar il-bejgh jew il-kundizzjonijiet tal-bejgh tal-lowloader u meta l-imputat irrifjuta li jirritorna l-lowloader mar u ghamel rapport li dan il-lowloader kien insteraq. Il-Qorti inoltre jidrilha li mill-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz jirrizulta ampjament li l-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li jisraq il-lowloader fil-mument li hadu izda li huwa hadu ghaliex deherlu li kien hemm ftehim bejnu u bejn Camilleri dwar il-bejgh tieghu. Isegwi ghalhekk li anki jekk wiehed kellu jikkonkludi li kien hemm xi malintiz bejn il-partijiet fejn l-imputat fehem li kien intlahaq ftehim mentri Camilleri fehem li l-ftehim kien ghadu ma giex konkluz, xorta wahda ma jistghax jirrizulta r-reat ta' serq ghaliex hemm nieqes l-element tal-mens rea peress li minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kellu l-intenzjoni li jisraq il-lowloader in dizamina.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

---

[5] Inserita a fol. 96 sa 98

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------